MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 167/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Jurgen Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Jannar, 2008, ghall-habta ta' 15.00 hrs, fi Triq l-Isperanza, Mosta, ikkommetta serq ta' fuel cioe' diesel minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABO-290, liema fuel jammonta ghall-prezz ta' LM22 jew €51.25, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga, misruqa w dan ghad-dannu ta' Jesmond Sant u/jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 37, 261, 271, 281 u 371(1) u (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-

imputazzjoni kif dedotta w ordnat li jitqieghed that ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena, ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberah skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li min irraporta n-nuqqas tal-fuel / deisel ma kienx fil-fatt ra lill-imputat jiehu dan id-deisel; 2. Li l-pesuna li ghamlet l-ilment indikat li kellha informazzjoni minn persuna dwar min seta' kien imma din il-persuna ma gietx mitluba biex tixhed, biex b' hekk kollox mexa' fuq *hearsay.* 3. Hu rilevanti li min ghamel l-ilment kien indika li spiccaw mix-xoghol ghall-habta tat-3.00pm u meta gie osservat li l-akkuza tindika l-hin tas-1.15pm., intalbet korrezzjoni. Dan juri li x-xhud li ghamel l-ilment kellu konfuzjoni tal-fatti f' mohhu w dan ghandu jimmilita favur l-appellant.

Semghet ix-xhieda dwar il-kaz;

Rat l-ordni taghha lid-Deputat Registratur biex jivverifika mal-Awla tal-Magistrat Dr. A. Vella jekk tezistix traskrizzjoni tax-xiehda tax-xhud Jesmond Sant f' din il-kawza w, jekk fl-affermattiv, jipprokura li din tigi inserita fil-process

Rat in-Nota tad-Deputat Registratur Christopher Camilleri li biha hu informa lill-Qorti li x-xhieda ta' Jesmonmd Sant ma hix inserita fil-process ghax xiehda fil-kawzi tal-*juvenile court* ma jigux traskritti w inseriti fil-process.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**L-ISPETTUR EDMOND CUSCHIERI** xehed li fil-11 ta' Jannar, 2008, meta kien ghadu Surgent fl-ghassa tal-Mosta, filghaxija kien mar certu Jesmond Sant akkumpanjat mill-appellant li hu gharaf fl-awla w akkuzah li kien qabdu kemm il-darba jisraqlu xi deisel mill-vetturi tieghu. Kien qabdu fit-3 ta' Jannar, 2008 ghall-habta tat-3pm go Triq l-Isperanza, Mosta. Is-serq sar minn *heavy plant vehicles* li kienu taht il-kontroll tieghu, li kienu pparkjati barra. Kien qal ukoll li kien ra lill-appellant itella' d-diesel bil-*pipe* f' zewg kontenituri tal-*plastic* sofor. Segwieh biex jara fejn ser imur imma eventwalment fit-triq tilfu. Qal ukoll li fil-11 ta' Jannar rega' rah u gharfu ghax, peress li t-tnejn huma mill-Mosta, jaf min hu w jaf lil missieru. Qallu biex imur mieghu l-ghassa. Sant baqa' jinsisti ghal darba, tnejn, tlieta li lill-appellant kien ra jisraq. Din kienet grat aktar minn darba qabel immu hu lill-appellant darba kien rah u cioe' fit-3 ta' Jannar, 2008.

L-Ispettur kompla jixhed li hu kien kellem lill-appellant bil-fomm u wissieh u hu beda jichad kategorikament li mess xi karozzi. Gie konstatat li l-ammont ta' fuel misruq kien ta' LM22.55c ossia hamsa w hamsin Ewro.

In kontro-ezami **l-ISPETTUR** xehed li kien irrizultalu li Sant kien mar jaghmel rapport fit-3 ta' Jannar, 2008, imma l-Pulizija mara li kienet *orderly* kienet talbitu l-I.D. Card u hu ma kellux l-I.D. card fuqu, u Sant issuppervja w telaq il barra. Ghalkhekk ma sarx rapport fit-3 ta' Jannar, 2008. Meta mar jerga jirraporta sab lilu w peress li kien jafu, hu ma kellux ghalfejn jitolbu l-*identity card*. Cahad li Sant kien qallu li kien haddiehor li kien ra lill-appellant jisraq, kif gie suggerit lilu mid-difensur. Sant dejjem qallu li hu stess kien ra lill-appellant jisraq.

**JESMOND SANT** xehed li hu jahdem mal-kumpanija ta' Dossantos Limited. Jiftakar li f' gurnata din is-sena kien ra lill-appellant jiehu id-deisel. Rah jiehu l-landi minn go ghalqa, fejn izommu l-ingenji w trukkijiet tal-imghallem. Cioe' hareg b' zewg *jerry cans deisel*. Il-gurnata ma jiftakarhiex imma kien iz-zmien li fil-5pm kien jidlam, fix-xitwa. Id-deisel l-appellant kien hadu f' xit-3.30pm. u f' xil-5pm. mar ghalih fejn il-Madonna tal-Isperanza, fejn hemm knisja gol-wied. Hu kien qed jistennieh gej biex jara fejn kien ser imur bihom. Dak il-hin hu ma kienx kellmu lill-appellant biex ikun jista' jara fejn kien sejjer bihom imma kien gharfu. Hu kien baqa' jsegwi lil-appellant sa fejn il-Bank of Valletta tal-Mosta umbaghad tilfu. Kien mar jaghmel rapport l-ghassa w l-Policewoman talbitu l-I.D. card u hu ma kellux din fuqu. Umbaghad la jaf il-gimgha u lanqas is-sibt sab it-tap tad-deisel tal-*excavator* imqaccat pero' ma kienx ra lill-appellant jiehu d-deisel. Minn meta ha lill-appellant l-ghassa, d-deisel ma intmessx izjed.

Umbaghad kien rega' ra lill-appellant hiereg minn fejn id-dar tieghu w mar fuqu w qallu : *"Int qed tiehu d-deisel? Ejja ara mill-passi tieghek kif int."* L-appellant qallu *"Ejja ha nitkellmu."* w hu wiegbu: *"Ejja ha niehdok l-ghassa."* L-appellant cahad li kien ha d-deisel dak il-hin. Ma kellux dubju li kien l-appellant li kien ra jisraq.

In kontro-ezami, x-xhud qal li hu kien ra lill-appellant jisraq id-deisel b' ghajejh imma ma kellmux. Dak il-hin kien xi 100 pied boghod mill-appellant. Hu kien rah hiereg bil-*jerry cans* mill-ghalqa tal-imghallem tieghu. Il-*jerry ca*ns ma kienux tal-kumpanija. Kull ma kien hemm kienu *truck* u ziemel u *excavator.* Minn goz-ziemel kien hemm carcir ta' deisel frisk mat-*tank* dak il-hin. Lilu kien cempillu certu Dumink Borg , ragel ta' 70 sena u kien qallu li kienu qed johdulu d-deisel minn gol-ghalqa. Pero' rega' tenna li dak in-nhar tat-3 ta' Jannar, 2008, hu kien ra lill-appellant hiereg minn gol-ghalqa bid-deisel.

**L-APPELLANT** la xehed u lanqas ressaq xi provi.

Ikkonsidrat;

Illi minn dawn il-fatti jidher assodat bla ebda kontestazzjoni, li minn zmien qabel it-3 ta' Jannar, 2008, kien gie notat li kien qed jittiehed deisel minn gol-ingenji tal-kumpanija Dossantos Limited li kienu jkunu pparkjati f' ghalqa barra l-Mosta. Fit-3 ta' Jannar, Jesmond Sant kien innota lill-appellant ghall-habta tat-3.30 pm. hiereg b' zewg *jerry cans* sofor minn go din l-ghalqa w dawn mar poggiehom fil-Wied tal-Isperanza hdejn il-kappella tal-Madonna. Sant kien segwa w osserva lill-appellant u dan ghall-habta ta' xil- 5pm. gie osservat gej lura u ha l-*jerry cans* mieghu. Sant baqa' jsegwieh biex jara fejn kien ser johodhom izda, meta waslu fejn il-Bank of Valletta tal-Mosta, tilfu. Hu mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Mosta izda peress li l-Policewoman ghassa talbitu l-I.D. card u hu ma kellux din fuqu dak il-hin, issuppervja w telaq il barra. Fil-11 ta' Jannar, 2008, kien rega' ra lill-appellant u mar fuqu w xlieh li kien qed jisraq id-deisel. Meta l-appellant cahad, hadu mieghu l-ghassa tal-Mosta fejn irraportah. L-appellant, interrogat mill-Ispettur Cuschieri quddiem missieru, baqa' jichad li kien seraq xi deisel.

Illi minn dawn il-fatti l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed provi diretti w indizjarji biex tikkonkludi li fit-3 ta' Jannar, 2008, wara nofsinhar, l-appellant kien fil-fatt seraq deisel minn gol-vetturi ta Dossantos Limited ipparkjati f' ghalqa l-Mosta. Ix-xhieda okulari ta' Jesmond Sant hi prova diretta tal-asportazzjoni tad-deisel go zewg *jerry cans* minn go din l-ghalqa. L-appellant ma kellu ebda raguni biex ikun f' dik l-ghalqa w inqas u inqas biex ikun hiereg b' zewg *jerry cans* minnha. L-appellant ma ta ebda spjegazzjoni ta' dan il-fatt u l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tassumi li l-kontenut ta' dawk il-*jerry cans* kien deisel u mhux ilma jew xi likwidu iehor. Il-fatt li kien ilu jinsteraq id-deisel minn got-tankijiet tal-ingenji, l-fatt li dak il-hin kien hemm carcir frisk mat-*tank* tad-deisel taz-ziemel kif ukoll il-fatt li l-appellant mar halla dawn il-*jerry cans* f' post dizabitat bhal ma hu l-Wied tal-Mosta minn fejn umbaghad mar jigborhom meta kien beda jidlam, huma kollha provi ohra indizjarji li jikkorroboraw il-prova diretta tal-asportazzjoni gejja mix-xhieda ta' Jesmond Sant u li juru li l-kontenut tal-*jerry cans* kien proprju oggett misruq.

Ghalhekk din il-Qorti fl-assenza ta' l-icken prova jew ta' xi spjegazzjoni verosimili w probabbli da parti tad-difiza li tista' b' xi mod timmina dawn il-provi tal-prosekuzzjoni, ma ghandha ebda raguni biex tbiddel l-apprezzamnent tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.

Ghalhekk l-aggravji tal-appellant, li kollha jiccentraw fuq dan l-apprezzament tal-provi qed jigu respinti.

Konsegwentement l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------